Minuti tat-72 (tnejn u sebgħin) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ħamis 27 ta' Settembru 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-5.30p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi-Sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Lorry Apap
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Louis Stefan Magrin

Is-Sur Victor Cefai talab ikun skużat minħabba appuntament l-Isptar Malta.

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tal-laqgħa ta' tkompli numru 70 li saret nhar it-Tlieta 7 ta' Awwissu kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u approvati unanimament. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 34: Mistoqsija Parlamentari Numru 36459 fejn qed jiġi mitlub min huma l-*Accountants* u l-Awdituri tal-Kunsilli Lokali. Dan il-Kunsill irrisponda illi bħala *Accountant* tiġi ingaġġata Ms Joanna Caruana waqt li bħala Awdituri lill-Spiteri Bailey.

3.1.2 Memo 35: Ġiet imnedija l-Skema tal-impjieg inklussiv fill-Komunità. Qed jiġi mitlub li l-Kunsilli interessati jagħmlu kuntatt mas-Sezzjoni tal-*Employers' Direct* tal-ETC sabiex tkun tista' tingħata l-informazzjoni meħtieġa ta' kif ser taħdem l-iskema sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2012. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem għal-*Part-time clerk* fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

3.1.3 Memo 36: Il-*MEUSAC* ser torganizza *seminar* għall-Kunsilli Lokali nhar it-23 ta' Novembru 2012 f'*Le Meridien*, San Ġiljan bħala kampanja ta' għarfien dwar l-Istrateġija 'Ewropa 2020'. Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali qed iħeġġeġ li l-Kunsilli Lokali iżommu din d-data libera ħalli jattendu s-*seminar*.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 3.2 Korrispondenza

3.2.1 Ċemplet Rose Fenech biex tirringrazzja lill-Kunsill tar-restawr tan-niċċa li hemm mad-dar tat-tifel tagħha fi triq l-Isptar San Ġiljan. Hi qalet ukoll jekk hux possibli li n-niċċa tinżebagħ kulur l-ġebla minflok isfar. Is-Sindku qal li mhux problema u l-Kunsill jista' jgħid lill-istess persuna li ħa ħsieb ix-xogħol, is-Sur Victor Cini. Huwa qal ukoll li trid tinxtara statwa jekk tinstab waħda addattata tal-Qalb ta' Ġesu u jiġi ordnat il-gwarniċ. Is-Sindku qal ukoll li jrid isir l-kuntratt ma' sid id-dar kif kien ġie maqbul fil-laqgħa ta' Mejju.

3.2.2 E-mail mingħand Clifford Vella li kiteb il-ktieb "Ħrejjef u leġġendi f'Għawdex". Dan l-awtur ser jikteb ktieb bħala gwida għat-turisti f'Għawdex u qed jitlob permess biex ikun jista' juża l-arma tal-Kunsill biex jidentifika l-irħula. Il-Kunsill qabel.

3.2.3 Avviż mill-*Gozo Sports Complex* li ser jibdlu n-numri tat-telephone u tal-fax. Kien hemm imniżżel ukoll in-numri l-ġodda li fuqhom wieħed ikun jista' jċempel.

3.2.4 E-mail mill-*Malta Council for Culture and the Arts* bil-programm tan-*Notte Bianca*.

3.2.5 Stedina mill-Ministeru għall-Għawdex lis-Sindku għal laqgħa mal-Ministru għal-Għawdex biex jitresqu l-proposti għat-tieni Pjan ta' Azzjoni EkoGħawdex għas-snin 2013-2015. Is-Sindku qal li l-Ministru ma setgħetx tattendi iżda attendew d-Direttur tal-Eko Għawdex u dak tat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku. Is-Sindku ippropona biex titressaq il-proposta li tiġi mistħarġa l-possibilità li jitwaqqaf *Night Shelter* għall-anzjani peress li Għawdex għadt m'hawnx; kif ukoll jiġi irranġat fuq stil antik u bil-*porfido* l-isqaq li jiwassal għall-mitħna ta' Randu.

3.2.6 E-mail mingħand iċ-*Chairperson* tax-Xlendi is-Sur Godwin Azzopardi rigward l-attività li ssir ta' kull sena bejn dan il-Kunsill u dak tal-Munxar fejn qed jgħid li l-ħsieb kien li bħas-soltu jintrema l-*inflatable park* nhar is-Sibt 22 ta' Settembru u f'każ ta' Maltemp dan jintrema l-għada.

Għal dan, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sur Azzopardi li peress l-attività kienet ser issir qabel il-laqgħa tal-Kunsill, kien bagħat e-mail lil Kunsilliera jekk jaqblux li għandu jintefaq l-ammont ta' €350. Il-maġġoranza tal-Kunsilliera ippreferew li l-ammont li kien ser jintefaq jiġi diskuss waqt il-laqgħa.

Il-Viċi-Sindku qal li l-attività ma saritx peress li dan il-Kunsill ma approvax il-fondi u għal dan kien ferm iddispjaċut.

Is-Sindku qal li fondi jintefqu biss meta dawn ikunu approvati fil-laqgħa u mhux qabel.

Il-Viċi-Sindku qal li xorta għad fadal il-possibilità li din l-attività issir is-Sibt 29 ta' Settembru 2012. Għal dan is-Sindku staqsa xi propaganda tista' issir fil-ġurnata li fadal qabel tittella' l-attività. Il-Viċi-Sindku qal li dejjem tista' titqassam karta bħalma jsir is-soltu meta tkun ser issir xi ħarġa.

Wara li kien jidher biċ-ċar li ma kienx hemm kunsens jekk l-attività għandiex issir jew le, il-Viċi-Sindku qal biex ma jsir xejn mill-ewwel la darba xi uħud mill-membri preżenti ma jaqblux. Fuq dan il-punt il-kunsillier is-Sur Horace Micallef talab ikun jaf jekk l-affarijiet li hemm bżonn isiru biex tittella' l-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

attività hux ser ikunu lesti fil-ħin, għax f'dak il-każ huwa jaqbel ukoll li din l-attività għandha tittella'

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li jekk min naħa ta' propaganda titqassam karta bl-informazzjoni fuq l-attività, din tista' issir minhajr ebda problema.

Is-Sindku qal li dan il-Kunsill ġie infurmat fl-aħħar minuta b'din l-attività u għalhekk l-Kunsill tal-Munxar k'irid jista' jagħmilha hu, bħalma sar diversi drabi f'okkażjonijiet differenti għad-detriment tal-Fontana, partikularment fil-każ tar-rotot ta' l-Arriva u t-tindif tal-Wied tax-Xlendi meta applikajna għal-Mizura 323 tal-Unjoni Ewropeja imbagħad irtira l-applikazzjoni għax hekk kien jaqbillu.

Il-Viċi-Sindku qal li l-Kunsill tal-Munxar kien ilu li informa lil dan il-Kunsill bl-attività. Għal dan, is-Sur Lorry Apap qal li waqt li l-Kunsill fil-laqgħat preċedenti kien qabel li l-attivita għandha issir, l-Kunsill tal-Munxar kien għadu ma infurmax lil dan il-Kunsill kemm kellu jħallas u għalhekk l-ammont ta' €350 kien għadu mhux approvat.

Il-Viċi-Sindku qal li mela l-Kunsill jista ma jagħmel l-ebda pagament qabel dan ma jkun approvat.

Il-Viċi-Sindku fakkar li l-Kunsill laħaq għamel pagamenti li kellhom approvazzjoni informali, bħalma ntalab f'dan il-każ, qabel ma tressqu fil-laqgħa. Is-Sindku qal li s-sena l-oħra din l-attivita' saret minhajr ma ġiet diskussa fil-Kunsill għax il-Viċi-Sindku kellem lill-Kunsilliera s-Sur Victor Cefai u s-Sur Horace Micallef u wara infurmah li dawn qablu u għalhekk ma xtaqx li jiġri bħas-sena l-oħra.

Is-Sindku qal li waqt l-aħħar ħarġa soċjo-kulturali, tnejn mir-residenti li semmihom b'isimhom, li jkunu x-Xlendi staqsew jekk din l-attività hix ser issir. Huma qalulu ukoll li l-*Fun Park* li jintrema għat-tfal huwa perikoluż u li dawn huma flus moħlija għax tfal mill-Fontana ma jkunx hemm. Huwa tenna li dawn huma l-kummenti ta' dawn iż-żewġ residenti peress li huwa ma jkunx preżenti.

Il-Viċi-Sindku qal li dan mhux minnu għax hu jkun hemm u jara ħafna tfal mill-Fontana.

Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap talab biex tittieħed deċiżjoni ħalli jekk inhi utli issir, jekk le ma issirx.

Is-Sindku tenna li jekk din l-attivita tittella biss mill-Kunsill tal-Munxar, t-tfal tal-Fontana u irħula oħra xorta waħda ser jibbenefikaw minnha għax ħadd ma' hu ser ikeċċihom.

Wara d-diskussjoni ġie deċiż li ma jsir xejn

3.2.7 E-mail mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jitwaħħal avviż fuq n-*Notice Board* rigward d-data tal-għeluq għal-emendi fir-Reġistru Elettorali.

3.2.8 E-mail mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fuq kors ta' taħriġ li ser torganizza l-Kummissjoni Elettorali fl-għadd tal-voti.

3.2.9 Mistoqsija Parlamentari Numru 36439 min l-Onorevoli Dr Justyne Caruana fejn qed titlob lil Prim Ministru ħalli Trejqet il-Ħarrub tingħata wiċċ permanenti u mhux jintefa biss żrar mill-Kunsill Lokali li jispiċċa jinġarr mill-ilmijiet tax-xita b'inkonvenjent għar-residenti ta' Triq San Martin. Is-Sindku qal li l-Kunsill qatt ma tefa' żrar u lanqas ma għamel l-ebda xogħol f'din t-trejqa.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Il-Kunsill wieġeb illi peress din t-trejqa għadha bla wiċċ, ma taqax taħt ir-responsabiltà tiegħu iżda hija responsabiltà tal-Gvern Ċentrali. Apparti min hekk, xi żmien ilu, l-Ministeru għall-Għawdex kien irċieva *stop notice* peress li din t-trejqa kienet infetħet illegalment. Kopja ta' dan l-*stop notice* intbagħtet lill-Kunsill fil-Kunsill preċedenti.

3.2.10 E-mail mingħand is-Sur Kevin Azzopardi, għalliem fil-Kulleġġ Stella Maris tal-Gżira. Huwa staqsa jekk hawn fil-Lokalità tal-Fontana hawnx xi club tal-boċċi u jekk hux possibbli issir mawra għat-tfal tal-Kulleġġ fejn iżuru postijiet ta' interess u jekk hu possibbli jaraw xogħol artiġġjanali.

Il-Kunsill wieġeb li club tal-boċċi ma jeżistix f'din il-Lokalità waqt li rigward il-mawra s-Sindku tenna li din tista' issir. Huwa qal li t-tfal jistgħu jittieħdu ħdejn l-Għajn tal-Ħasselin fejn tingħatalhom spjegazzjoni fuq l-istorja tagħha kif ukoll il-Fontana *Cottage* u hekk ikunu jistgħu jaraw xogħol artiġġjanali.

3.2.11 Ittra tal-Ħatra ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sna Amanda Abela bejn l-10 u ż-17 ta' Settembru 2012 fiż-żmien meta l-Aġent Segretarju Eżekuttiv preżenti kien imsiefer.

3.2.12 E-mail mingħand l-Ministeru tas-Saħħa rigward t-tqassim tal-vaċċin ta' l-influwenza. Il-Kunsill qiegħed fil-proċess li jiġbor lista ta' persuni eliġibbli biex din tkun tista' tingħatalhom fil-Lokalità stess bħas-soltu.

3.2.13 Il-Kunsill irċieva stedina u l-programm ta' seminar li ġie imtella' mill-Ministeru Għal-Għawdex fi Pjazza San Franġisk bit-tema *"Enhancing Youth Voluntary Work to promote Active Agening and Solidarity between Generations"*.

3.2.14 E-mail mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li tikkonċerna stqarrija għall-istampa bit-tema "Ħtieġa ta' riforma sħiħa fil-qasam tal-Kura Primarja". Din it-tema ġiet diskussa mid-Delegazzjoni Maltija fil-Kumitat tar-Reġjuni taħt it-tmexxija tal-Kap tad-Delegazzjoni is-Sur Michael Cohen mal-Kummissarju Ewropew responsabbli mis-Saħħa u l-Politika tal-Konsumatur, is-Sur John Dalli.

3.2.15 *Brochure* mill-Università ta' Malta li ser jiftaħ kors tat-tielet eta' f'Għawdex. Dan ser jibda l-Ġimgħa 19 ta' Ottubru 2012 fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani bejn id-9.00 u l-11.15 ta' fil-għodu b'waqfa għall-kafè fl-10.00. L-applikazzjonijiet jagħlqu dakinhar stess li jibda l-kors.

3.2.16 E-mail mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn ġiet mitluba informazzjoni fiex wasal l-proċess ta' ħatra ta' skrivan. Il-Kunsill wieġeb li l-proċess għadu ma bediex.

3.2.17 E-mail mir-Reġjun Għawdex rigward il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Reġjonali li ser issir fit-2 ta' Ottubru 2012 fit-3.00 ta' wara nofsinhar. Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali enfasizza fuq l-importanza li l-Kunsilli għandhom jibgħatu lil xi ħadd peress li l-aħħar laqgħa li saret kellha titħassar peress li ma kienx hemm kworum. Is-Sindku qal li huwa dejjem attenda.

3.2.18 E-mail mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li tikkonċerna t-tnedija ta' kors mill-*Malta Institute of Taxation* li ser ikun jiswa €400.

3.2.19 E-mail mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li irċeviet talba mill-belt Franċiża ta' *Elancourt* għall-ġemellaġġ ma' Kunsill Lokali min Malta jew Għawdex. Kull min hu interessat irid jinforma lill-Assoċjazzjoni sal-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2012.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.20 E-mail mill-Aġenzija Żgħażagħ fuq seminar li ser isir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Settembru 2012 il-*Grand Hotel Excelsior* bejn id-9.30am. u n-12.30pm. It-tema ser tkun *"Mirrors and Windows: Maltese young people's perception of themselves, their families, communities and society"*.

3.2.21 E-mail mill-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti rigward wirja ta' 17 il-vara tal-passjoni min madwar Malta u Għawdex li ser tittella' fis-Santwarju Bażilika Madonna tal-Karmnu il-Belt Valletta bejn id-29 ta' Settembru u t-2 ta' Ottubru 2012.

3.2.22 E-mail mill-programm Xarabank fejn qed jgħidu li din is-sena ser jiddedikaw parti min kull programm lil xi belt jew raħal kif ukoll jirreklamaw xi attività li tkun qeda tiġi organizzata mill-Kunsill Lokali ta' dak il-post. Dan ifisser li ser ikunu qed jistiednu lis-Sindku jew il-Viċi-Sindku ħalli jagħti ftit tagħrif fuq il-lokalità.

3.2.23 E-mail mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward *Training Conference* li ser tittella bejn l-4 u l-5 ta' Ottubru 2012 fuq kif il-Kunsilli jistgħu jgħinu aħjar l-Komunità tan-negozju.

3.2.24 Is-Sagristan talab l-approvazzjoni tal-permess tal-pulizija biex tkun tista tgħaddi l-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Ružarju min Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq Santa Dminka, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u Triq il-Għajn. Din ser issir nhar il-Ħadd 7 ta' Ottubru 2012 fil-5.15 ta' fil-għaxija.

3.2.25 E-mail mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar offerta li qegħda tagħmel il-*Heritage Malta* għall-gruppi mill-Kunsilli Lokali biex iżuru siti fil-Birgu għal prezz ta' €7. Dan il-prezz jinkludi żjara fil-Mużew Marittimu u l-Palazz tal-Inkwiżitur kif ukoll *coffee break*.

3.2.26 Fil-5 ta' Settembru ġiet mgħottija l-grada tal-ilma li hemm n-naħa t'isfel ta' Triq l-Isptar San Ġiljan quddiem d-dar ta' min wettaq dan ix-xogħol. Dan għaliex sid id-dar qed ixomm irwejjaħ ta' drenaġġ telgħin mill-istess grada. Sid id-dar qal li kull ma jixtieq hu li issir biċċa pjanċa fuq il-grada għaż-żmien tas-Sajf.

Rigward l-irwejjaħ is-Sindku qal li jaħseb li r-riħa jista' jkun li hi ġejja mit-tappiera ta' quddiem il-knisja u mhux mill-grada peress li din hija ta' *culvert* għall-ilma tax-xita li sar mill-ġdid anqas min sena ilu. Dan peress li min meta beda jiġi ppumpjat d-drenaġġ ta' Wied il-Mielaħ fl-Għarb u kultant żmien bdew jinxtammu rwejjaħ qawwija. Qal ukoll li meta dik l-parti tat-triq saret mill-ġdid, sar *culvert* ġdid li ma hemmx drenaġġ imqabbad miegħu bħalma kien l-antik u għalhekk jaħseb li l-irwejjaħ mhux ġejjin minnu. Man dan kollu s-Sindku flimkien mal-membri tal-Kunsill qablu li fiż-żmien tas-sajf issir il-pjanċa bħal sentejn ilu u sid d-dar jiġi infurmat b'dan kollu ħalli jerġa jiftaħ il-grada bħalma kienet qabel.

## 3.3 <u>Ilmenti</u>

3.3.1 Ma kienx hemm ilmenti


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 4. Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv

4.1 Ġie maqbul li fix-xahar ta' Ottubru toħroġ is-sejħa għal-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li mhux interessat li japplika.

## 5. Għoti tal-Offerti

5.1 Offerta FONQ 07/2012: *Patching works using Hot Asphalt in various streets of Fontana*. Ġie iffirmat il-kuntratt ma *Gatt Tarmac Ltd* biex isir il-*patching with hot asphalt* f'diversi toroq tal-Fontana.

## 6. Mistoqsijiet

6.1 Ma kienx hemm mistopsijiet.

## 7. Approvazzjoni ta' Kontijiet

7.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-Membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-Ċedola annessa.

## 8. Mozzjonijiet

8.1 Ma tressqet l-ebda mozzjoni.

## 9. Materji Oħra

9.1 Rose Portelli min *Galea Curmi Engineering* mexxiet l-applikazzjoni mal-Enemalta biex jitwaħħlu tlett bozoz fit-tarf ta' Triq ta' Mulejja.
Is-Sindku qal li fadal issa li l-Kunsill iġib *quote* ta' kemm jiswew il-fanali li iridu jitwaħħlu.
Galea Curmi Engineering bagħtu ukoll iċ-ċertifikazzjoni tal-bozza ta' Triq Mons M. Buttigieg li din fl-aħħar ġiet mixgħula mill-EneMalta.
Is-Sindku nforma l-Kunsill li s-Sur Chris Gauci qatgħa €90 mill-kont tal-ħlas għar-rigward tax-xogħol tal-pajp tal-ilma li bidel, li mir-replika tal-Għajn tal-Loġoġ iwassal sal-Għajn il-Kbira. Dan wara li aktar kmieni din s-sena l-Kunsill kien talab biex dan il-kont jiġi rivedut.

9.2 Il-Kunsill irċieva l-kuntratt tal-proġett ta' Wied Siekel ikkumpilat mill-*Gozo Action Group*. Dan ġie iffirmat illum mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

9.3 Intbagħtet e-mail lill-Inġinier Stefan Riolo tal-*Water Services Corporation* fejn ġew irrappurtati ħsarat ta' ilma ħiereġ wara li kienu suppost għadhom kif saru t-tiswijiet neċessarji. Dawn kienu fi Triq il-Kardinal Alessandru Franchi u fi Triq il-Għajn.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.4 Intbagħtet ittra lill-Ministru għall-Għawdex biex tingħata estensjoni tal-Kuntratt li sar bejn il-Kunsill u l-istess Ministeru għat-tindif tal-Wied tax-Xlendi.
Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi tweġiba u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li sal-lum ma kien hemm l-ebda risposta mill-Ministeru għall-Għawdex.
L-Aġent Segretarju qal li din l-*extention* intalbet f'każ li l-MEPA taċċetta fi żmien qasir t-talba għall-*extention* tal-permess li kellha issir mill-Perit.
Is-Sindku qal li jeżisti ukoll fond tal-HSBC dwar il-konservazzjoni tal-ilma li s-Sindku tal-Munxar għarfu dwaru u li qallu biex iż-żewġ Kunsilli japplikaw flimkien. Il-Kunsill qabel.

9.5 Il-Perit Gordon Vella reġa' bagħat il-pjanta tat-*toilets* tat-tieni fażi taċ-Ċentru u qal li żamm kollox l-istess.

9.6 Is-Sindku ġie avviċinat min żewġt'ikmamar tan-nar li ħadu sehem fil-*Fontana Fireworks Festival* u li għarfuh li għadhom ma irċevewx iċ-*cheque* li l-Kunsill kien bagħat mas-Sur Joe Mangion. Dawn hu St Leonard Fireworks Factory ta' Ħal Kirkop u Virtu Fireworks Factory tal-Għarb. Dan jidher inkwetanti għall-fatt li kull meta l-Kunsill jipprova jikkuntatja lis-Sur Mangion dan ma jirrispondix.
Il-Kunsill qabel li jsir *stop payment* ta' dawk iċ-*cheques* li għadhom ma ngħatawx, u jerġgħu joħorġu mill-ġdid.

9.7 Ġew ordnati 40 metru madum mingħand A. F. Ellis. Dan kellu jinħadem bil-forom tal-idejn peress li ma nstab imkien bħalu peress li jrid ikun jaqbel ma' taz-zuntier. Issa jonqos biss li jitwaħħal u jsir *culvert* tal-ilma bejn iz-zuntier u l-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku

9.8 Is-Sindku qal li għal Jum il-Fontana ġie avviċinat min grupp jismu *The Cliffs* fejn wrew ix-xewqa li jieħdu sehem fl-attività li tittella' ta' kull sena. Ġie diskuss il-fatt li jekk l-Kunsill jaqbel, dan il-grupp jinġieb minflok dak tas-soltu waqt li l-pagament ikun bħal tas-soltu jiġifieri madwar €400. Is-Sindku qal ukoll li dan il-grupp jidher li hu magħmul min persuni ġejjin min din il-Lokalità kif ukoll min dik ta' Sannat.

9.9 Hemm bżonn li jinxtara *bin* daqxejn kbir għall-Pjazza l-Għejun peress li l-*GreenMT* baqgħu ma bagħtu xejn kif kien imwiegħed. Il-Kunsill qabel.
Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef semma l-fatt li jekk hu possibli ikun magħluq minħabba l-ilma tax-xita u jkun b'ta li mod li n-nies ma jkunux jistgħu jixħtu l-boroż taż-żibel fih. Il-Kunsill qabel.

9.10 Is-Sindku qal li hemm bżonn ukoll li tinġabar stima biex isir is-suffitt tat-*toilets* tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, peress li l-pajpijiet tas-servizzi ser ikun kollox imwaħħal mas-saqaf kif ukoll stima biex isir id-drenaġġ.

9.11 Is-Sindku semma ukoll li hemm parti żgħira fi Triq John Gaspard Le Merchant li fiha konsentura fit-*tarmac* u li għanda bżonn titranġa. Ġie deċiż illi jekk din tkun ser tiswa anqas minn €1,164.69 din tingħata lill-*Gatt Tarmac Ltd* biex kif ikun qed jagħmel il-*patching* jibqa sejjer b'din il-parti ukoll. F'każ li ser tkun tiswa aktar l-Kunsill joħroġ *quotation*.

9.12 Is-Sindku ippropona li ssir ħarġa soċjo-kulturali f'Malta f'l-1 ta' Novembru 2012 fejn fost l-oħrajn inkunu nistgħu inżuru l-kastell Sant' Anġlu li hija s-Sede tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Il-Kunsill qabel.

9.13 Il-Kap tal-Oppożizzjoni u tal-Partit Laburista għamel żjara fil-Kusill Lokali. Ġie milqugħ mis-Sindku, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, u l-kunsilliera s-Sur


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Lorry Apap u s-Sur Horace Micallef. Bħala tifkira tal-okkażżjoni ġie ippreżentat replika tal-Għajn il-Kbira u ktejjeb dwar l-istorja tal-Fontana "The Village of *Valleys and Springs"* mis-Sindku.

9.14 Is-Sindku ippreżenta t-trofej lill-parteċipanti u rebbieħa li ħadu sehem fil-*Fontana Sports Fest* li sar flimkien mal-Parroċċa. Attenda ukoll il-kunsillier is-Sur Horace Micallef.

9.15 Sar tindif estensiv tal-Għejun mill-ħama wara l-Maltemp li għamel matul il-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Settembru 2012..

9.16 Saret ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta, fl-okkażżjoni tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. Attendew 12 il-persuna fosthom is-Sindku.

9.17 Saret ħarġa soċjo-kulturali ta' nofs ta' nhar għall-Kemmuna. Attendew 38 persuna fosthom is-Sindku.

9.18 Is-Sindku ħa sehem fi programm imtella minn Radju Katidral dwar Mons George Bezzina, eks Kappillan tal-Fontana. Is-Sindku attenda għall-korteo funebri u velja ta' talb li saret fil-knisja Parrokjali fl-okkażżjoni tal-mewt tal-eks Kappillan. Il-funeral sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ il-Belt Victoria. Sar bukkett ward tal-okkażżjoni. Attendew is-Sindku u l-Kunsilliera s-Sur Victor Cefai u s-Sur Horace Micallef.

9.19 Is-Sindku attenda għall-kunċert mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta li sar fi Pjazza Indipendenza ir-Rabat Għawdex fl-okkażżjoni tat-48 sena mill-Indipendenza ta' Malta. Dan kien presedut mill-Onor Prim Ministru ta' Malta Dr Lawrence Gonzi.

9.20 Is-Sindku attenda laqgħa tas-Sindki Għawdxin li saret fil-Ministeru għall-Għawdex dwar il-pjan ta' azzjoni għas-snin 2013-2015 dwar Eko Għawdex. Ġie propost li ssir *night shelter* għal-anzjani.

9.21 Twaħħal ukoll *railing* ħdejn it-taraġ ta' quddiem is-Sqaq ta' Kaput, fit-telgħa l-isfel mill-knisja, kif kien ġie approvat f'laqgħa preċedenti, kif ukoll bank fi Triq Għajn Tuta.

9.22 Is-Sindku ippropona ukoll li jintalab biex l-*accountant* Joanna Caruana tagħti stima tax-xogħol li hemm bżonn isir partikularment l-*imputing* fis-Sage il-ħlasijiet li saru min Jannar sal-lum. Il-Kunsill qabel.

9.23 Dwar il-Bini tat-Tielet Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, wara li sar l-arblu mill-EneMalta biex jkun jista jsir xi ċ-ċaqliq tal-*main* tad-dawl tal-Kunsill, beda t-t-taħmil ta' parti mill-*playingfield* mill-kuntrattur Nenu Grima.

9.24 Is-Sindku qal ukoll li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmah li l-*Computer* li jintuża mir-residenti kellu bżonn li jinbidel peress li huwa *slow* ħafna. Sar qbil li jinxtara wieħed.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.00p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-31 ta' Ottubru 2012, fil-5.30p.m.

Louis Stefan Magrin
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555